**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA B'URĠENZA NUMRU 62– IT-TNEJN, 15 TA' FRAR 2016 FIL-11.30AM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |

Assenti

| | |
|---|---|
| Miguel Galea Sillato | Ambaxxatur |

## 1 Żviluppi f'Wied Għomor

1.1 Kien hemm diskussjoni rigward rapporti fil-mezzi tal-media li r-razzet tal-baqar ser jiġi żviluppat f'kumpless turistiku. Il-Kunsill innota li din għadha biss proposta u għad m'hemmx applikazzjoni sottomessa lill-MEPA.

1.2 Wara diskussjoni ġie deċiż li nitolbu lill-Perit tal-Kunsill biex jara x'hini l-policy tal-MEPA fuq dan il-Wied, x'hini l-policy tal-MEPA fuq Change of Use ta' irziezet u biex jinfurmana meta jew jekk tiġi sottomessa applikazzjoni fuq din is-sit.

1.3 Il-Kunsill ma jistax jieħu pożizzjoni fuq din il-proposta minħabba li għad m'hemmx applikazzjoni u l-Kunsill m'għandux biżżejjed informazzjoni. Ġie innutat li din is-sit hija f'konfini tas-Swieqi.

1.4 Kien hemm diskussjoni fuq l-applikazzjoni għal dar tal-anzjani minflok il-barriera. Ġiet innutata li l-applikazzjoni, li giet sottomessa fl-2007 tinkludi 8% tal-barriera u żewġ sulari 'il fuq mil-livel tal-art. Ġie innutat li dan l-iżvilupp huwa f'konfini tas-Swieqi.

1.5 Kompliet id-diskuzzjoni fuq din l-applikazzjoni fejn is-Sinjura Marica Bayliss iddikjarat li hi ta eta zghira rat il widien ta' l-Msierah jinqerdu Wiehed wiehed bhal wied tal-Mensija (illum the village) il-wied ta'San Giljan (illum ta' Giorni) kif ukoll wied Ghollieqa (illum Kappara isfel) u ma tistax illum tibqa sikta meta qed tara il-bidu tat-tmiem ta'wied Ghomor. Fakret ukoll li l-Kunsill qed jiġi mogħti fondi biex inħaddru San Ġwann u qed jippermetti li l-Wied jigi meqrud bicca bicca u dan kollu f'isem il kummerc.

## 2 Għeluq il-Laqgħa

2.1 Il-laqgħa spiċċat f'11.55am. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta, 1 ta' Marzu 2016 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**

**Etienne Bonello Du Puis**